# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 22 ta' Ottubru 2020**

**Kawza Numru: 13**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 292/2014 JVC**

**Carmelo Vassallo**

**vs**

**Anthony Vassallo**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Carmelo Vassallo kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi permezz ta' att pubbliku datat il-31 ta' Dicembru, 1979, certu Paolo Vassallo ikkonceda koncessjoni enfitewtika versu c-cens perpetwu ta' hamsin lira Maltin (Lm50) fis-sena ghaf-favur l-attur Carmelo Vassallo, tar-razzett f'Birkirkara,

Triq l-Imriehel, dak iz-zmien numru tmienja u ghoxrin (28) gia numru sittax (16), illum numru wiehed u tmenin (81), b'bicca raba mieghu tal-kejl ta' cirka tomnejn u siegh pari ghal cirka elfejn erba' mija u hamsa u tletin punt hamsa hamsa metri kwadri (2435.55m$^2$) konfinanti kollox mit-tramuntanta mat-triq, mil-punent mal-beni ta' Paolo Borg, jew l-avanti kawza minnu u min-nofsinhar mar-raba' ta' Paolo Vassallo; (ara dokumenti anness u mmarkati bhala 'Dok.A' u 'Dok.B');

2. Illi r-raba msemmija fl-istess kuntratt fil-prezent qeghdha okkupatha minghajr titolu mill-konvenut Anthony Vassallo;

3. Illi minkejja li gie interpellat diversi drabi sabiex jizgombra mill-ghalqa surriferita l-konvenut dejjem baqgha inadempjenti;

4. Illi ghaldaqstant qeghdha ssir din il-kawza;

5. Illi fil-fehma tal-attur, il-konvenut ma ghandu l-ebda eccezzjoni x'jissoleva kontra t-talbiet ta' l-istess attur;

6. Illi l-attur jaf personalment b'dawn il-fatti kollha;

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex tiddeciedi billi:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut intimat qed jokkupa u jzomm l-ghalqa indikata fl-att pubbliku tal-31 ta' Dicembru, 1979, liema ghalqa tinsab wara r-razzett f'Birkirkara, Triq l-Imriehel, numru wiehed u tmenin (81), konfinanti kollox mit-tramuntanta mat-triq, mil-punent mal-beni ta' Paolo Borg, jew l-avanti kawza minnu u min-nofsinhar mar-raba' ta' Paolo Vassallo minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

3. Konsegwentement tordna lil konvenut intimat biex fi zmien qasir u perentorju jizgombra mill-imsemmija ghalqa u jirritornaha lill-attur bil-pussess vakanti;

B'riserva u minghajr pregudizzju ghal kull dritt u/jew azzjoni spettanti lir-rikorrenti u bl-ispejjez kontra l-intimat li huma minn issa ngunt in subizzjoni'.

Rat illi l-kawza giet intavolata a tenur tal-Artikolu 167 sub-artikolu (1) (b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) bi procedimenti sommarju specjali.

Rat illi l-kawza giet appuntata ghas-6 ta' Mejju, 2014 fejn il-konvenut gie awtorizzat mill-Qorti diversament preseduta sabiex jipprezenta r-risposta bil-gurament tieghu b'dana li l-ewwel talba attrici giet sorvolata u michuda.

Rat ir-Risposta Guramentata ta' Anthony Vassallo li eccepixxa kif isegwi:

'Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi, kuntrarjament ghal dak asserit mill-attur, l-eccipjenti jgawdi minn titolu fuq ir-raba in kwestjoni, stante li hu ilu jipposjedi animo domini l-istess raba ghal dawn l-ahhar hamsin (50) sena u b'hekk jigi li akkwista l-istess raba bl-*usucapio,* ossija bil-preskrizzjoni ta' tletin sena hekk kif tghid u trid il-ligi (Art. 2107 u 2143 Kod. Civ.);

   Illi, ghalhekk dan ifisser illi llum -il gurnata, bit-trapass taz-zmien li trid il-ligi, l-eccippjenti sar u hu sid tar-raba in kwestjoni peress li l-pussess tieghu kien, *inter alia,* kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku, u mhux ekwivoku;

2. Salv id-dritt tal-eccipjent li jissolleva eccezzjonijiet ulterjuri'.

Rat l-affidavit, xiehda, kuntratt, dokumenti, rapport u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi b'digriet tal-24 ta' Gunju, 2014 il-Qorti ordnat l-inverzjoni tal-provi dan in vista tal-eccezzjonijiet tal-intimat hekk sollevati;

Rat illi permezz ta' digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta, datat 21 ta' Ottubru, 2014 gie mahtur il-Perit Alan Saliba bhala Perit Tekniku sabiex jaccedi fuq il-post fil-presenza tal-partijiet u jirrelata dwar id-daqs u l-lokazzjoni tas-sit in kwistjoni;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Alan Saliba li gie pprezentat fl-atti fl-14 ta' Jannar, 2015 u esebit a fol. 43 *et seq* tal-process;

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2019 l-attur wara li gie msejjah diversi drabi baqa' ma dehrx u l-Qorti tat differiment wiehed ghall-provi kollha tal-attur dwar il-preskrizzjoni;

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Frar, 2020 l-attur rega' ma dehrx ghas-seduta u in vista tal-verbal tas-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2019, il-Qorti ddikjarat il-provi tal-attur dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni maghluqa u halliet il-kawza ghat-trattazzjoni fuq l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni;

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Gunju, 2020 l-attur rega' ma dehrx u fl-istess seduta semghet it-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-intimat Dr Anthony Cutajar, liema trattazzjoni giet traskritta;

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Gunju, 2020 il-kawza gie differita ghal-lum ghad-decizjoni dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni filwaqt li l-Qorti tat zmien xahar ghan-nota tal-attur fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat li ma dahlet l-ebda nota ta' sottomissjonijiet da parti tal-attur fit-terminu mpost fuqu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz tal-kawza odjerna, l-attur Carmelo Vassallo sostna li huwa l-proprjetarju tar-razzett bin-numru tmienja u ghoxrin (28) gia numru sittax (16), illum numru wiehed u tmenin (81) fi Triq l-Imriehel, f'Birkirkara flimkien ma' bicca raba mieghu tal-kejl ta' cirka tomnejn u siegh pari ghal cirka elfejn erba' mija u hamsa u tletin punt hamsa hamsa metri kwadri (2435.55m$^2$) (ara kuntratt a fol. 4 *et seq* tal-process). L-attur jallega li l-konvenut Anthony Vassallo qieghed jokkupa minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi bicca mir-raba' msemmija. Ghalhekk talab lil din il-Qorti sabiex

tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut qieghed jokkupa u jzomm l-ghalqa indikata, liema ghalqa tinsab wara r-razzett f'Birkirkara, minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi u konsegwentament tordna lil konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju jizgombra mill-imsemmi ghalqa u jirritorna l-ghalqa bil-pussess vakanti.

Illi min-naha tal-konvenut Anthony Vassallo eccepixxa li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u principalment ghar-raguni li l-attur igawdi minn titolu fuq ir-raba' in kwisjoni stante li ilu fil-pussess taghha *animo domini* ghal ahhar hamsin (50) sena u ghalhekk akkwista r-raba' b'*usucapio* u cioe' bil-preskrizzjoni ta' tletin (30) sena ai termini tal-Artikolu 2107 u l-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Sahaq ghalhekk li llum il-gurnata bit-trapass taz-zmien li trid il-ligi, hu s-sid tar-raba' in kwistjoni stante li l-pussess tieghu kien wiehed *inter alia* kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku, u mhux ekwivoku.

Illi in vista tal-eccezzjoni tal-konvenut Anthony Vassallo li titratta l-preskrizzjoni ta' tletin (30) sena, fis-seduta tal-24 ta' Gunju, 2014 (ara verbal a fol. 22 tal-process) din il-Qorti kif diversament preseduta ordnat l-inverzjoni tal-provi.

**<u>Sintesi tal-Provi:</u>**

**<u>Provi mressqa mill-konvenut Anthony Vassallo:</u>**

**Il-konvenut Anthony Vassallo** (a fol. 28 tal-process):-

Il-konvenut Anthony Vassallo taha d-deposizzjoni tieghu bil-procedura tal-affidavit u xehed li ghandu sitta u sittin (66) sena u li r-raba' in kwistjoni li qieghda f'idejh m'hijiex tal-kejl imsemmi

fir-rikors guramentat pero' tal-kejl ta' madwar tlett kwarti ta' tomna.

Huwa jsostni li ghal dawn l-ahhar hamsin (50) sena u cioe' minn meta kellu sittax-il (16) sena, l-ghalqa dejjem kienet fil-pussess tieghu u ghal dawn is-snin kollha huwa dejjem kien wahdu li ha hsieb l-ghalqa fejn ghamel l-ispejjez fiha ghax dejjem qies l-ghalqa bhala tieghu. Jghid li pero' ma kinitx l-ewwel darba li missieru u huh Carmelo Vassallo kienu jmorru fejnu fir-raba mertu tal-kwistjoni fejn iqattghu ftit hin hdejh u jtuh daqqa t'id.

Jghid li huwa kien ilu ghal madwar hamsa u ghoxrin (25) sena jiehu l-prodotti tar-raba' mertu tal-kawza odjerna, u jbieghu lil diversi nies u qatt hadd ma talbu xi sehem minn dan ir-rikavat. Isostni wkoll li madwar erbghin (40) sena qabel hu kien bena xi kmamar fuq l-art u ghamel diversi benefikati fl-ghalqa bhal bini ta' hitan, passaggi u gallinari u kien bena zewg garaxxijiet bil-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar, liema permessi hargu fuq ismu u qatt hadd ma qallu xejn u lmenta dwar dan. Il-konvenut prezenta kopja ta' dawn il-permessi datati 2 ta' Marzu, 1996 esebiti a fol. 29 *et seq* tal-process.

Il-kovenut xehed illi tul l-ahhar hamsin (50) sena qatt hadd ma mar jghidlu li r-raba' mhux tieghu, wisq aktar huh li sa ghaxar (10) snin qabel kien imur hdejh jarah jahdem ir-raba u jghinu xi ftit. Jghid li huh l-attur Carmelo Vassallo qatt ma semmielu li l-ghalqa ma kinitx tieghu jew li riedha lura u kien biss fl-ahhar sena li beda jghid li l-ghalqa kienet tieghu u li riedu johrog minnha.

**Spiridiona Farrugia** (a fol. 65 sa fol. 67 tal-process):-

Spiridiona Farrugia xehdet fis-seduta tat-2 ta' Gunju, 2015 fejn sostniet li hi toqghod fil-vicinanzi ta' fejn joqghod il-konvenut Anthony Vassallo u ilhom jafu lil xulxin kemm ghandha zmien.

Ix-xhud giet murija l-pjanta redatta mill-Perit Tekniku Alan Saliba partikolarment l-parti mmarkata bl-ahmar (fol.48) u kkonfermat li dik il-parti hija r-raba li tigi wara d-dar tal-konvenut Anthony Vassallo. Xehdet li dahlet kemm-il darba fl-ghalqa li tigi wara l-post tal-konvenut u tghid li ilha mizzewga u toqghod hemm ghal wiehed u erbghin (41) sena u dejjem lill-konvenut Anthony Vassallo rat fl-ghalqa fejn kien jizra u jiehu hsieb din l-ghalqa.

Tkompli tixhed li gieli xtrat xi haxix minghand il-konvenut Anthony Vassallo jew minghand martu bhal patata, basal u ful u tishaq li qatt ma xtrat haxix minghand hadd iehor. Meta mistoqsija jekk kinitx taf fejn kien ikabbar il-haxix Anthony Vassallo, tghid li huwa kien ikabbar il-haxix gol-ghalqa wara d-dar tieghu u f'ghelieqi ohra. Tghid li huma kwazi trabbew flimkien u kienu jilghabu flimkien u kienet taf lil mara tieghu wkoll li dejjem qisitha bhala habiba taghha. Tishaq li lill-konvenut biss kienet taf li jiehu hsieb l-ghalqa.

**Anthony Barbara** (a fol. 68 sa fol. 70 tal-process):-

Anthony Barbara xehed fis-seduta tat-2 ta' Gunju, 2015 fejn sostna li jaf lill-konvenut Anthony Vassallo peress li huma girien u kien jahdem warajh peress li huwa ghandu l-gnien li jigi ezatt wara l-ghalqa tal-konvenut. Jghid li ilu gar tal-konvenut ghal madwar erbghin (40) sena.

Ix-xhud gie muri l-pjanta li giet redatta mill-Perit Tekniku Alan Saliba (fol. 48) u kkonferma li l-ghalqa hija dik li qed jitkellmu

fuqha fejn ix-xhud ghandu l-gnien it-tul kollu tal-ghalqa. Jghid li tul dawn l-erbghin (40) sena huwa minn dejjem kien jara lill-konvenut Anthony Vassallo jahdem l-ghalqa.

Jixhed ukoll li huma kienu jmorru jixtru l-haxix u frott minghand il-konvenut Anthony Vassallo peress li kien ikollu l-affarijiet friski u jikkonferma li dejjem il-konvenut Anthony Vassallo jew martu kienu jbieghu l-affarijiet. Jghid li huwa dejjem lill-konvenut kien jara fl-ghalqa u l-impressjoni li kellu kienet li r-raba' kienet tieghu anke peress li l-konvenut Anthony Vassallo kien jghidlu 'hawn taghna'.

**Nazzareno Ellul** (a fol. 78 u fol. 79 tal-process):-

Ix-xhud jibda billi jghid li ilu jaf lill-konvenut Anthony Vassallo fir-rahal ta' Birkirkara minn mindu kien tarbija peress li huwa izghar minnu.

Jixhed li wara d-dar tal-konvenut Anthony Vassallo hemm ghalqa li fiha tellghu hajt u li dejjem lilu jaf jahdimha. Jghid li huwa ghandu kwazi tmenin (80) sena u minn dejjem lill-konvenut Anthony Vassallo jaf jahdem l-ghalqa, snin twal aktar minn tletin (30) sena.

Meta gie mistoqsi dwar l-attur Carmelo Vassallo huwa jghid li lill-Carmelo Vassallo qatt ma rah jahdem l-ghalqa pero' dejjem lill-Anthony Vassallo ra. Jixhed li l-konvenut Anthony Vassallo kif ukoll l-attur Carmelo Vassallo kienu jtuh prodotti tal-ghalqa b'xejn minkejja li Carmelo Vassallo ma kienx ikun fl-ghalqa.

**Doris Vassallo** (a fol. 80 sa fol. 82 tal-process):-

Doris Vassallo xehdet fis-seduta tal-24 ta' Novembru, 2015 u bdiet id-deposizzjoni taghha billi tghid illi hija tigi l-mara tal-konvenut Anthony Vassallo u li ha jaghlqu erbghin (40) sena mizzewgin u ghaxar (10) snin gharajjes biex b'hekk b'kollox ilhom ma' xulxin hamsin (50) sena.

Tkompli li huma joqghodu fl-indirizz 85, fi Triq l-Imriehel, Birkirkara u wara din id-dar hemm l-ghalqa li Anthony Vassallo l-konvenut kien jahdem fiha ghal hamsin (50) sena. Tishaq li hija minn dejjem hemm tafu jahdem.

Ix-xhud giet murija l-pjanta li giet redatta mill-Perit Tekniku Alan Saliba (fol. 48) u tghid li minn dejjem taf lill-konvenut jahdem fl-ghalqa. Ghalkemm tixhed li hija taf lill-attur Carmelo Vassallo li jigi hu r-ragel taghha, pero' l-ghalqa dejjem f'idejn ir-ragel taghha kienet. Tikkonferma li minn gol-ghalqa huma kienu jbieghu l-prodotti li kien jizra l-konvenut Anthony Vassallo u l-qliegh minn tali bejgh dejjem hadu zewgha l-konvenut Anthony Vassallo. Tghid li l-attur Carmelo Vassallo qatt ma qal xejn dwar l-ghalqa u qatt ma rcevew xi ittra, xejn, u saru jafu l-ewwel darba bil-kwistjoni fuq r-raba' meta rcevew il-kawza. Tghid li meta gieli mar l-attur Carmelo Vassallo fejn huh dan kien joqghod ihares u jitkellem ma' zewgha. Tghid li bhala xogholijiet kollox zewgha l-konvenut Anthony Vassallo kien ghamel fir-raba.

In kontro-ezmai tixhed li r-ragel taghha l-konvenut Anthony Vassallo kien jghidilha li l-ghalqa hija taghhom u qatt ma qallha li l-ghalqa mhijiex taghhom jew li huh l-attur Carmelo Vassallo kellu sehem minn din l-ghalqa.

**Sebastian Sammut** (a fol. 83 sa fol. 84 tal-process):-

Ix-xhud xehed fis-seduta ta' nhar l-24 ta' Novembru, 2015 quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dr Mariella Schembri Gonzi u beda billi jghid li huwa jaf lill-konvenut Anthony Vassallo peress li jigi r-ragel t'ohtu. Jghid li ilu jaf lill-konvenut Anthony Vassallo qrib il-hamsin (50) sena u kien imur jittawwallu kuljum peress li kien u huwa habib tieghu. Jixhed li tul dan iz-zmien huwa dejjem lill-konvenut Anthony Vassallo jaf jahdem r-raba'.

Ikompli jixhed li wara d-dar tal-konvenut hemm ghalqa u dejjem lill-konvenut Anthony Vassallo kien jara jahdimha. Jixhed li lill-attur Carmelo Vassallo ma tantx kien jarah peress li huwa kien imur filghaxija pero' meta kien jarah huwa qatt ma kien ikun jahdem l-ghalqa. Jghid li qatt ma ha l-impressjoni li l-ghalqa mhix tal-konvenut Anthony Vassallo u qatt ma qallu li dik hija ta' huh.

Ix-xhud gie muri l-pjanta li giet redatta u esibita mar-rapport tal-Perit Tekniku Alan Saliba (fol. 48) fejn ikkonferma li dik kienet l-ghalqa li kien jara lill-konvenut jahdem fiha fejn kien jaghmel fost affarijiet ohra ful, patata u basal. Jikkonferma wkoll li gieli ra lill-konvenut jirranga l-hitan li jaqghu bix-xita.

**Gozwe' Gauci** (a fol. 91 sa fol. 93 tal-process):-

Gozwe' Gauci xehed fis-seduta ta' nhar it-18 ta' Frar, 2016 fejn jghid li huwa ilu jaf lill-konvenut il' fuq minn hamsa u hamsin (55) sena minn mindu kienu jattendu l-iskola ta' Birkirkara flimkien.

Ix-xhud gie muri pjanta Dokument XYZ (frol. 94) fejn ikkonferma l-marki kollha li hemm bil-kulur blu u kkonferma li l-ghalqa dejjem jafha bi ftit sigar fiha u dejjem mahduma mill-konvenut. Jghid li huwa ghandu sebghin (70) sena u minn mindu kellu hmistax-il (15) sena dejjem hekk jafha u lil Toni (l-konvenut) biss

jaf jahdem l-ghalqa. Ikompli jixhed li huwa kien jahdem bhala kuntrattur u xoghlu kien li jibni u gieli talab lill-konvenut sabiex ibieghulu l-ghalqa pero' l-konvenut Anthony Vassallo kien jghidlu li ma jridx ibiegh ghaliex hemm ghandu l-familja. Dan kien bejn hamsa u ghoxrin (25) sena u tletin (30) sena ilu. Ikompli li huma kienu bil-hanut f'Main Street, f'Birkirkara u l-konvenut gieli kien imur ibiegh l-haxix.

**Jesmond Vassallo** (a fol. 102 sa fol. 105 tal-process):-

Jesmond Vassallo xehed fis-seduta tat-8 ta' Gunju, 2016 u jghid li huwa iben il-konvenut Anthony Vassallo u ghandu tlieta u sittin (36) sena. Jghid li huwa kien trabba fil-fond 31 li llum ghandu n-numru 85 fi Triq l-Imriehel, Birkirkara pero' kien ilu li telaq minn hemm mill-elfejn u disa' (2009). Jghid li huwa kien jghix go dar li kellha ghalqa warajha u kien hemm ftit garaxxijiet fil-gnub. Jixhed li minn eta' zghira huwa kien jiehu l-hbieb tieghu u kienu jaghmlu l-kampijiet fl-ghalqa fuq is-sigar u jiftakar lill-missieru u lin-nannu jahdmu l-ghalqa. Ikompli li huwa kien jitkellem man-nannu u jiftakar li kien jghidlu li l-ghalqa hija ta' missieru l-konvenut.

Jixhed li missieru kien ukoll ibiegh il-haxix minn go din l-ghalqa. Isostni li lill-attur Carmelo Vassallo gieli rah johrog l-ghalqa, fejn huwa kien imur jghinu jaghlef l-annimali li kellu fir-razzett ta' gewwa liema razzett ma kellu x'jaqsam xejn ma' din l-ghalqa. Gieli rah johrog isaqqi jew jaqta' xi pal tal-bajtar biex jaghlfu lill-baqar li kellu. Jichad li l-attur Carmelo Vassallo qallu xi haga fuq l-ghalqa u sar jaf fuq din il-kwistjoni tal-ghalqa dakinhar li rcevew il-karta tal-Qorti.

Fir-rigward ix-xogholijiet li saru fl-ghalqa huwa jixhed li parti mix-xogholijiet kienu saru minnu dan l-ahhar peress li l-ghalqa

kienet zdingata. Jghid li huwa, missieru u anke zijuh Nicky kienu hawwlu s-sigar.

Gie muri l-pjanta li giet esebita mar-relazzjoni tal-Perit Tekniku (Fol. 48) u kkonferma li dak li kien hemm immarkat bl-ahmar kienet l-ghalqa li kienet kwadra bhal dik indikata fil-pjanta.

**Marisa Azzopardi** (a fol. 109 sa fol. 112 tal-process):-

Ix-xhud Marisa Azzopardi tixhed li hi bint il-konvenut Anthony Vassallo u ghandha disgha u tletin (39) sena. Tghid li trabbiet gewwa l-fond 85 fi Triq l-Imriehel, f'Birkirkara li jikkonsisti f'dar u ghalqa wara d-dar u ilha li telqet minn hemm hmistax-il (15) sena.

Tixhed li missierha l-konvenut Anthony Camilleri kien ikun dejjem gol-ghalqa fejn kien jizra u jahdimha. Tghid li huma kienu zghar u kienu johorgu jilghabu gol-ghalqa u tiftakar dan minn l-eta' ta' seba' (7) snin. Tghid li l-ghalqa kienet proprjeta' ta' missierha u kien biss xi sentejn qabel ma tat id-deposizzjoni taghha li saret taf bil-kwistjoni fuq l-ghalqa meta rcevew sabiex jitilghu l-Qorti. Izzid li hi kienet tara liz-ziju l-attur go l-ghalqa jghin lil missierha pero' dan mhux ta' spiss.

Fir-rigward ta' xogholijiet li saru f'ghalqa tghid li missierha ghamel kollox anke tahwil ta' sigar.

Ix-xhud giet murija l-pjanta li giet esebita mar-relazzjoni tal-Perit Tekniku Alan Saliba (fol. 48) u tikkonferma li l-parti l-hamra hija l-parti li kien jahdem missierha u li ghamlet referenza ghaliha waqt id-deposizzjoni taghha.

**Clayton Vassallo** (a fol. 114 sa fol. 118 tal-process):-

Clayton Vassallo xehed fis-seduta tat-13 ta' Frar, 2017 u jghid li huwa iben il-konvenut Anthony Vassallo, ghandu tlieta u tletin (33) sena u trabba fil-fond 85 fi Triq l-Imriehel, Birkirkara ghalkemm ilu li telaq minn hemm mill-elfejn u tnax (2012). Jghid li l-fond fejn kien jghix ma' ommu u missieru kien jikkonsisti f'dar u wara gnejna cioe' ghalqa fejn kien ikun jahdem missieru. Jixhed li dejjem missieru kien jahdem din l-ghalqa fejn kien jizra fost affarijiet ohra tadam, qarabali u ful, kollox fi zmienu. Ikompli li missieru u ommu kienu jbieghu dan il-haxix minn post li jigi biswit id-dar taghhom filwaqt li fil-kmamar li jaghmlu parti mill-istess ghalqa missieru kien jahzen fihom il-patata u haxix iehor. Jghid li ma jiftakarx li zijuh l-attur Carmelo Vassallo kien involut fil-bejgh tal-hxejjex pero' gieli kienu jtuh xi affarijiet bhal patata u affarijiet kollha milli kienu jbieghu.

Jixhed li meta kienu zghar dejjem kienu jkunu ma' missieru l-konvenut go din l-ghalqa fejn kienu jilghabu u kienu jaghmlu l-kampijiet fuq is-sigar u fejn kien jilghab gwerer ma' shabu. Jghid li ghandu memorja tan-nannu tieghu fl-imsemmija ghalqa fejn kien ikun jiehu t-te` u jiftakar id-dubbien iduru mal-mug tat-te' tan-nannu.

Jixhed li huwa jiftakar liz-zijiet tieghu fosthom l-attur Carmelo Vassallo li gieli kienu jghinu lill-missieru fl-ghalqa. Mistoqsi jekk l-attur Carmelo Vassallo li jigi z-ziju tieghu qatx qallu xi haga dwar l-ghalqa huwa jichad. Jghid li huwa fil-verita' ma jafx ta' min hi l-ghalqa pero' dejjem lill-missieru ra jahdimha u ghalih l-ghalqa hija ta' missieru. Sar jaf bil-kwistjoni rigward it-talba min-naha taz-ziju Carmelo Vassallo meta fetah il-kawza kontrihom. Fir-rigward passaggi, hitan u tahwil ta' sigar jghid li dawn saru minn missieru u kien jarah jaghmilhom.

Ix-xhud gie muri l-pjanta esebita a fol. 48 tal-process redatta mill-Perit Alan Saliba partikolarment dwar il-parti l-hamra u qal li dik il-parti hija l-ghalqa li kien dejjem jahdem missieru.

**Manuel Sammut** (a fol. 122 sa fol. 124 tal-process):-

Ix-xhud jispjeg li ohtu hija mizzewga lil Carmelo Vassallo l-attur. Jixhed li ghandu hamsa u hamsin (55) sena u l-konvenut Anthony Vassallo ilu jafu minn mindu kellu xi tmien (8) snin peress li kien ikun ghandu. Ix-xhud jispecifika li huwa kien ikun ghand il-konvenut Anthony Vassallo fl-ghalqa fejn il-konvenut kien ikun dejjem isaqqi u jbiegh il-haxix fejn kien jaqla' lira mill-prodotti. Jghid li fl-ghalqa gieli kien ikun hemm missier il-konvenut Anthony Vassallo li kien ikun bil-qieghda jarah isaqqi u jeskludi li qatt ra lill-attur Carmelo Vassallo fl-ghalqa. Ikompli jghid li huwa ghamel xi tletin (30) anke hamsa u tletin (35) sena jmur fl-ghalqa pero' dan l-ahhar qata', zied li hu jaf li dejjem kien il-konvenut Anthony Vassallo li jiehu hsieb jizra' u jilghab fl-ghalqa. Mistoqsi jekk qattx xi hadd infurmah li l-ghalqa mhijiex tal-konvenut jghid li le. Ix-xhud muri l-pjanta redatta mill-Perit Tekniku Alan Saliba (fol. 48) u jikkonferma li l-kaxxa l-hamra hija l-ghalqa li kien qieghed jixhed fuqha.

**Anna Zahra** (a fol. 129 sa fol. 131 tal-process):-

Ix-xhud Anna Zahra xehdet nhar it-28 ta' Novembru, 2017 u tghid li hija tigi oht il-mara tal-konvenut Anthony Vassallo, li hija ghandha tnejn u sittin (62) sena u ilha taf lill-konvenut xi erbghin (40), hamsin (50) sena. Tixhed li l-konvenut joqghod fi Triq l-Imriehel, f'Birkirkara u tghid li wara l-proprjeta' tieghu hemm

ghalqa li jahdimha Toni biss. Issostni li tmur xi darbtejn fil-gimgha ghand ohtha u ghandhom relazzjoni tajba hafna.

Ix-xhud giet murija l-pjanta redatta mill-Perit Tekniku Alan Saliba (fol. 48) u kkonfermat li l-parti l-hamra hija l-ghalqa li qed tixhed fuqha. Tixhed li hija gieli rat lil konvenut jizra, jaqla' u jaqta l-prodotti tal-ghalqa li mbaghad kien ibiegh mid-drive-in tieghu stess. Hija assumiet li l-ghalqa hija tal-konvenut u qatt hadd ma qallha xejn biex jipprova l-kontra jew li kellha tiehu mpressjoni bil-kontra. Izzid li lill-attur Carmelo Vassallo gieli kienet tarah diehel fir-razzett l-iehor pero' fl-ghalqa mertu tal-kawza qatt ma ratu.

**Anthony Sammut** (a fol. 133 sa fol. 135 tal-process):-

Jixhed li minn eta' ta' hdax-il (11) sena huwa kien ikun mal-konvenut peress li ohtu mizzewga lill-konvenut Anthony Vassallo. Jghid li huma kienu joqoghdu wara l-knisja ta' Birkirkara u ghalhekk kienu jitilghu fejn il-konvenut sabiex jghinuh. Ix-xhud gie muri l-pjanta li giet redatta mill-Perit Tekniku Alan Saliba (fol. 48) u x-xhud jindika l-parti mmarkata bl-ahmar u li fiha hemm miktub 459m.k. bhala l-ghalqa li fuqha qed jitkellmu. Jixhed li ta' tmintax-il (18) sena kien jitla' hemm u kien jara lill-konvenut Anthony Vassallo jahdem, jizra' l-ful, patata u affarijiet hekk fl-imsemmija ghalqa. Lill-attur Carmelo Vassallo qatt ma rah jahdem l-ghalqa mertu tal-kawza pero' kien jarah jahdem raba iehor. Ix-xhud jikkonferma li huwa kien jara biss lill-konvenut Anthony Vassallo ibiegh il-prodotti. Izid li hu kien ikun ta' spiss fl-ghalqa bejn darbtejn, tlett darbiet fil-gimgha u dejjem lill-konvenut jaf jahdimha.

**Helen Mullenvec** (a fol. 137 sa fol.141 tal-process):-

Helen Mullenvec tixhed li tigi oht il-mara tal-konvenut Anthony Vassallo u tghid li ilha tafu ghal madwar hamsin (50), wiehed u hamsin (51) sena. Hija giet murija il-pjanta a fol. 48 annessa mar-relazzjoni tal-Perit Tekniku Alan Saliba u kkonfermat li l-parti mmarkata bl-ahmar hija l-ghalqa li tigi wara d-dar u li ghandha miktub 459 m.k. Tghid li hija kienet tmur bil-klieb sal-ghalqa u dejjem lil Toni kienet tara jahdem f'din l-ghalqa u lil hadd aktar. Tghid li l-haxix kien ibieghu fid-drive-in billi kien jarma quddiem id-dar u dejjem wahdu kien ikun u gieli kien ikun hemm martu Doris. Tikkonferma li gieli rat lil Toni jtella' xi hitan. Tghid li hija ghamlet xi snin imsiefra u kienet tigi darba jew darbtejn fis-sena u meta kienet tkun hawn ghal perijodi bejn xahar u tlett xhur hija kienet tmur ghand ohtha kuljum u meta kienet tmur f'dawk il-perijodi dejjem lil Toni Vassallo rat fl-ghalqa. L-impressjoni li kellha kienet li l-ghalqa hija tal-konvenut Anthony Vassallo. Hi tghid li qatt ma staqsiet ta' min hi l-ghalqa pero' la kien jahdimha u joqghod hemm kien jidrilha li l-ghalqa hija tieghu.

**Renald Azzopardi** (a fol. 142 sa fol. 145 tal-process):-

Ix-xhud Renald Azzopardi xehed nhar il-5 ta' Gunju, 2018 u jghid li hu kien habib ta' iben il-konvenut Anthony Vassallo meta kienu ghadhom zghar u li aktar tard meta kibru huwa tgharras mat-tifla tal-konvenut u ilhu mizzewweg ghal sbatax-il (17) sena. Ikompli li ghalkemm huwa mill-Gzira pero' dak iz-zmien missieru kien itellghu ghall-futbol l-Infetti wara San Alwigi li tigi zewg minuti l' boghod mid-dar tal-konvenut Anthony Vassallo. Jghid li meta kien zghir u cioe' ta' ghaxar (10) snin kien hemm okkazzjonijiet li mar fl-ghalqa pero' qatt ma kien dahal gew fid-dar. Dan kien madwar tnejn u tletin (32) sena ilu. Jghid li l-ghalqa hija accessibli mid-drive-in u hemm xatba u minn dak iz-zmien kien jara lil Toni

Vassallo l-konvenut fl-ghalqa. Ikompli li dejjem kien jara lil Toni Vassallo fl-ghalqa u qatt ma ra lil hadd iehor iwahhal musmar u ghadu hekk sallum. Ix-xhud ikompli jghid li l-konvenut Anthony Vassallo u martu kienu ibieghu l-haxix mid-drive-in fejn hemm l-ghalqa. Minn meta zzewweg huwa beda jmur aktar regolari u qatt ma ra lill-hadd fl-imsemmija ghalqa u fil-fehma tieghu l-ghalqa hija tal-konvenut Anthony Vassallo. Ix-xhud gie muri pjanta tal-Perit Tekniku Alan Saliba (fol. 48) u kkonferma li l-ghalqa li kien qieghed jitkellem fuqha kienet l-bicca mmarkata bl-ahmar fuq il-pjanta.

**Maria Elena Cangura** (a fol. 148 sa fol. 151 tal-process):

Ix-xhud Maria Elena Cangura ssostni li hija trabbiet flimkien mal-konvenut Anthony Vassallo peress li kienu jghixu fl-istess triq u kien ilha minn dejjem tafu, kemm lilu, lill-genituri tieghu u anke lil hutu. Ix-xhud giet murija l-pjanta tal-Perit Tekniku Alan Saliba fol. 48 u ndikat fejn hi u ommha kienu jmorru jixtru l-haxix. Indikat ukoll l-ghalqa bhala dik il-parti li kienet immarkata bl-istrixxi homor. Ix-xhud tghid li kienet ilha toqghod hemm xi tmienja u erbghin (48) sena u dejjem kienet tara lill-konvenut jahdem fl-ghalqa u dan kienet tarah minn fuq il-bejt tad-dar taghha. Tkompli tghid li apparti lil Toni ma kienet tara lil hadd aktar fl-ghalqa. Kienet tara lill-konvenut Toni Vassallo kwazi kuljum jahdem fl-ghalqa u kienu jixtru patata, qarabaghli u bajtar tax-xewk. Tghid li dawn il-prodotti kienu jbieghhom il-konvenut Toni Vassallo jew il-mara tieghu. Tixhed li lill-attur Carmelo Vassallo tafu bhala hu l-konvenut Anthony Vassallo pero' qatt ma ratu jahdem din l-ghalqa u qatt ma ratu jbiegh. Tixhed li hija kienet dejjem tahseb li l-ghalqa hi tal-konvenut li hu kien ikun hemm jahdem fiha u dan ilha tarah ghal madwar tmienja u erbghin (48) sena.

**<u>Provi mressqa mill-attur Carmelo Vassallo:</u>**

Illi l-attur Carmelo Vassallo ma ressaq l-ebda prova specifika fir-rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Jirrizulta li fis-seduta ta' nhar id-29 ta' Jannar, 2019 mizmuma quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dottor Mariella Schembri Gonzi, gie vverbalizzat minn Dr Shaun Zammit li *'...Dr. Edward Gatt u Dr. Mark Vassallo qed jirrinunzjaw ghal patrocinju tal-klient taghhom f'din il-kawza (l-attur).'* (ara verbal a fol. 153 tal-process). Il-kawza kienet waslet fl-istadju tal-provi atturi stante li l-konvenut Anthony Vassallo kien iddikjara l-provi tieghu maghluqa fis-seduta tat-12 ta' Novembru, 2018.

In segwitu ghal din is-seduta tad-29 ta' Jannar, 2019 saru diversi seduti ohrajn fejn l-attur Carmelo Vassallo ma dehrx u lanqas deher avukat difensur tieghu b'dawn is-seduti jkunu s-segwenti:

1. Seduta tal-Hamis, 28 ta' Frar, 2019 - Inizjalment ma deher hadd li pero' aktar tard deher Dr Anthony Cutajar – avukat tal-konvenut li ha konjizzjoni tal-verbal u fejn il-kawza thalliet ghall-informazzjoni tal-Assistenta Gudizzjarja;

2. Seduta tal-Hamis, 20 ta' Gunju, 2019 – Deher biss l-avukat tal-konvenut Dr Anthony Cutajar li nforma lill-Qorti li precedentament huwa kien ghalaq il-provi quddiem l-Assistenta Gudizzjarja;

3. Seduta tal-Hamis, 24 ta' Ottubru, 2019 – L-attur ma dehrx u l-Qorti tat differiment wiehed ghall-provi kollha tal-attur dwar il-preskrizzjoni;

4. Seduta tal-Hamis, 6 ta' Frar, 2020 – l-attur ghal darba ohra ma dehrx u ghalhekk in vista tal-verbal tal-24 ta' Ottubru, 2019, il-Qorti ddikjara l-provi tal-attur dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni maghluqa u halliet il-kawza ghat-trattazzjoni;

5. Seduta tat-Tlieta, 21 ta' April, 2020 – giet differita stante c-cirkostanzi prezenti relatati mal-Covid 19;

6. Seduta tal-Erbgha, 10 ta' Gunju, 2020 - saret it-trattazzjoni da parte tal-konvenut u l-Qorti mponiet xahar zmien ghal nota tal-attur fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Illi din il-Qorti malgrad li tat diversi opportunitajiet sabiex jingiebu l-provi da parte tal-attur fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, inkluz l-opportunita' li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet f'terminu mpost fuqu, dan baqa' ma ressaq xejn.

Illi l-unici provi mressqa fl-atti da parti tal-attur huma s-segwenti:

i) Kopja tal-kuntratt pubbliku datat 31 ta' Dicembru, 1979 fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza (ara fol. 4 et seq) bejn Paolo Vassallo u l-attur Carmelo Vassallo. Ghalkemm din l-informazzjoni ma nghatatx mill-attur il-Qorti mill-provi mressqa u cioe' li l-familja tal-partijiet kellhom artijiet ohra u razzett iehor imiss ma' dik in kontestazzjoni u l-fatt li missier il-partijiet kienu jismu Paolo kif jirrizulta mill-kuntratt, l-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-attur xtara minghand missieru stess. Il-Qorti anzi tqis pjuttost suspettuz kif din l-informazzjoni ma nghatatx mill-attur originarjament fir-rikors promotorju (anzi ntuza l-kliem 'certu Paolo Vassallo' fl-ewwel paragrafu tar-rikors.

Id-deskrizzjoni moghtija tal-proprjeta' mghoddija lill-attur b'cens perpetwu skont l-istess kuntratt hija kif isegwi:

'razzett f'Birkirara, Triq l-Imriehel, numru tmienja u ghoxrin (28), gia numru sittax(16), b'bicca raba mieghu tal-kejl ta' cirka tomnejn u siegh (T2.S2) pari ghal cirka elfejn erba' mija u hamsa u tletin punt hamsa hamsa metri kwadri (2435.55m2), konfinanti kollox mit-tramuntana mat-triq, mill-punent ma' nofsinahr ma' raba ta' Paolo Vassallo, soggett ghal pis perpetwu ta' Lira (Lm1) quddies fis-sena, minn haga ohra liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha ta' l-istess immobili, bhala soggetti pero' l-istess immobili ghall-usufrutt li l-koncedent bil-ftehim ma' l-enfitetwa irriserva ghat tul hajtu kollha bhala esenti mill-obbligu tal-formazzjoni ta' l-intestarju u tal-prestazzjoni tal-kawzjoni preskritti mil-ligi.'

Il-Qorti tikkonferma aktar il-konkluzjoni taghha li l-proprjeta' trasferita' lill-attur giet minghand missieru stante li l-missier zamm id-dritt ta' uzufrutt fuq l-istess. Johrog mill-atti li in kontestazzjoni bejn il-partijiet mhux ir-razzett imsemmi li huwa estranju ghal dawn il-proceduri izda raba li l-attur isostni fir-rikors tieghu li tifforma parti mill-proprjeta' trasferita lilu.

ii) A fol. 8 tinsab pjanta li jidher li giet immarkata mir-rikorrent fuq 'screenshot' mill-web-site tal-Awtorita' tal-Ippjanar u mhux li kienet annessa mal-kuntratt fuq imsemmi fejn ir-rikorrent jidher li mmarka r-razzett bl-ahmar u r-raba' bil-kulur ikhal.

iii) A fol. 9 tinsab dikjrazzjoni bil-gurament tal-attur Carmelo Vassallo fejn skont ir-rikorrent il-kuntratt hawn fuq imsemmi kien jinkludi l-art kollha mmarkata fil-pjanta a fol. 8 nkluz il-parti mmarkata bl-ikhal. Ikompli li prezentement ir-raba' hija okkupata mill-intimat u li ghalkemm gie interpellat biex jizombra l-ghalqa

skont ir-rikorrent l-intimat irrifjuta. Fl-atti ma giet esebita l-ebda prova ta' xi interpellazzjoni f'dan is-sens fil-konfront tal-konvenut.

**<u>Kunsiderazzjonijiet Fattwali u Legali:</u>**

Illi in sintesi, l-kawza odjerna titratta talba ghal zgumbrament minn bicca ghalqa li tinsab wara r-razzett bin-numru wiehed u tmenin (81) fi Triq l-Imriehel, f'Birkirkara. L-attur Carmelo Vassallo jsostni li huwa akkwista din l-ghalqa permezz ta' koncessjoni enfitewtika versu c-cens annwu u perpetwu ta' hamsin (50) lira maltin (Lm50) fis-sena b'kuntratt tal-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru, 1979 fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza (ara kuntratt a fol. 4 *et seq* tal-process).

Da parte tal-konvenut Anthony Vassallo laqa' ghal dan billi eccepixxa preliminarjament l-*usucapio*, u cioe', l-preskrizzjoni ta' tletin (30) sena ai termini tal-Artikoli 2107 u 2143 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) stante li jsostni li huwa kien ilu jippossjedi *animo domini* l-istess raba ghal dawn l-ahhar hamsin (50) sena, liema pussess kien wiehed kontinwu, mhux miksur, pacifiku u mhux ekwivoku.

Illi ghalhekk din id-decizjoni titratta specifikatament l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali ai termini tal-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jaqra kif isegwi:

> 'L-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti jaqgħu bil-preskrizzjoni egħluq tletin sena, u ebda oppożizzjoni għall-preskrizzjoni ma tista' ssir minħabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi.'

Illi dwar din il-preskrizzjoni akwizittiva trentennali gie ravvizat fis-sentenza fl-ismjiet **Grezzju Spiteri -vs- Catherine Baldacchino** deciza mill-Qorti ta' l-Appell nhar id-9 ta' Frar, 2001 illi:

> 'Preskrizzjoni din li la tirrikjedi l-"giusto titolu" u lanqas il-'buona fede" u dana in kwantu ghall-ewwel rekwizit jigi sostitwit proprju z-zmien u ghat-tieni tissuplixxi l-presunzjoni tal-ligi (Vol. XXIX.11.488). Din il-preskrizzjoni hija fondata fuq "il-pussess, u dan il-pussess ghandu jkollu certi karattri. Irid ikun, cioe' kontinwu, pacifiku, fis-sens li ma jidhirx li kien originat minn attijiet ta' vjolenza, u lanqas klandestin; irid ikun ukoll univoku u 'animo domini' (P.A. Fenech et vs Debono, 14.5.1935. Vol. XXIX.11.488). Fi kliem iehor, il-pussess irid ikun legittimu, fis-sens ta' dgawdija ta' jedd li wiehed izomm jew jezercita bhala tieghu innifsu, jigifieri eskluziv u assolut, u mhux bizzejjed li jkun ezercizzju bil-bona grazzja jew tolleranza (Appell 'Grixti vs Ellul', 15.12.1939, Vol. XXX.i.457; P.A. Mamo vs Vella, 1.2.1951, Vol, XXXI.ii.341; Appell 'Caruana et vs. Vella', 13.3.1953, Vol XXXVII.i.105; 'Briffa vs Sammut', P.A. 21.5.1953, u Appell 29.1.1954)" (Grazia Borg vs Rosa Farrugia ne. et. Deciza mill-Appell fil-15/3/67. Vol. XLV.i.168)'

__**Ir-Rekwizit tal-Pussess:**__

Illi sabiex tirnexxi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali jrid jezisti l-element tal-pussess, liema pussess irid ikun wiehed:

(i) **materjali**;

(ii) **intenzjonali 'animo domini';** u,

(iii) **legittimu**.

**(i) Pussess materjali:**

Il-pussess materjali huwa dak il-poter ta' fatt fuq il-haga. Dwar dan il-punt il-konvenut Anthony Vassallo xehed illi din l-ghalqa ilha f'idejh ghal dawn l-ahhar hamsin (50) sena. Huwa sostna li ghal dawn is-snin kollha huwa kien jiehu hsieb din l-ghalqa, jizra l-prodotti fiha, ghamel xi bini u wkoll fiha ghamel diversi spejjez.

Mill-atti l-fatt li l-konvenut Anthony Vassallo kellu l-pussess materjali tal-ghalqa gie kkonfermat minn diversi xhieda fosthom Speridiona Farrugia, Anthony Barbara, Nazzareno Ellul u Maria Elena Cangura, lkoll girien tal-konvenut, kif ukoll, minn diversi membri tal-familja fosthom Doris Vassallo, Sebastian Sammut, Jesmond Vassallo, Marisa Azzopardi, Clayton Vassallo, Manuel Sammut, Anna Zahra u Renald Azzopardi.

L-ezistenza ta' dan il-pussess materjali gie wkoll ikkonfermat mill-attur Carmelo Vassallo nnifsu fejn fit-tieni premessa ddikjara s-segwenti:

> '2. Illi r-raba msemmija fl-istess kuntratt fil-prezent qeghdha okkupatha minghajr l-ebda titolu mill-konvenut Anthony Vassallo.'

Huwa l-istess attur Carmelo Vassallo li fit-talbiet tieghu partikolarment fit-tielet talba tieghu talab li jkun hemm l-izgumbrament tal-konvenut Anthony Vassallo mill-ghalqa u li

jirritornha bil-pussess vakanti. In vista ta' dak suespost indubjament huwa ppruvat li l-pussess materjali kien f'idejn l-konvenut Anthony Vassallo.

**(ii) Pussess intenzjonali 'animo domini':**

Il-Qorti f'dan l-istadju terga taghmel referenza ghad-deposizzjoni moghtija mill-konvenut Anthony Vassallo bil-procedura tal-affidavit a fol. 28 tal-process fejn xehed kif isegwi:

'Ghal dawn l-ahhar hamsin sena, minn mindu kelli 16 il-sena, l-ghalqa in kwistjoni dejjem kienet fil-pussess tieghi u ghal dawn is-snin kollha kont jien wahdi li hadt hsieb l-istess ghalqa u ghamilt l-ispejjez fiha **ghax dejjem qiest li din l-ghalqa hija tieghi.**' (enfazi tal-Qorti)

Fis-seduta tal-21 ta' Ottubru, 2014 din il-Qorti kif diversament preseduta hatret lill-Perit Tekniku Alan Saliba sabiex jaccedi fuq il-post fil-prezenza tal-partijiet u jirrelata dwar id-daqs u l-lokazzjoni tas-sit in kwistjoni. Fir-relazzjoni ntavolata fl-14 ta' Jannar, 2015 a fol. 43 *et seq* tal-process, il-Perit Tekniku Alan Saliba ta' deskrizzjoni tal-ghalqa fejn qal illi:

> '2.01 Is-sit fil-kwistjoni jikkonsisti f'art bil-hamrija f'ghamla kwadra li tinsab iccirkondata bil-bini. Fiha hemm ukoll sigar kbar u xi kmamar bil-gallinari (Dok. 'ASR' ritratti 01/02).
>
> 2.02 Man-naha tat-Tramuntana, Lvant u Nofsinhar hemm il-hitan divizorji mibnija bil-kantun li jmissu ma' propjeta' ta' terzi, filwaqt li man-naha tal-Punent tmiss mal-propjeta tal-Konvenut.

2.03 L-access ghal din l-art huwa minn xatba fil-hajt mal-konfini tal-Punent (Dok. 'ASR' ritratt 02) li tasal ghaliha minn trejqa li tinsab f'bitha tal-Konvenut (Dok. 'ASR' ritratt 03), liema trejqa tisbokka fi Triq l-Imriehel (Dok. 'ASR' ritratt 04).'

Illi minn din id-deskrizzjoni jirrizulta li l-ghalqa hija accessibli mill-proprjeta' tal-konvenut u hemm mibnija kmamar bil-gallinari tal-konvenut. Anke ghal din ir-raguni biss, jirrizulta li l-konvenut Anthony Vassallo kellu l-animu li jgawdi l-ghalqa bhala proprjeta' tieghu stante li huwa inverosimili li persuna taghmel meljoramenti f'sit billi anke jibni kmamar bil-gallinari jekk ma jkunx hemm l-intenzjoni li jsir proprjetarju tal-haga. Ghalhekk din il-Qorti tqis ukoll li l-pussess intenzjonali huwa ezistenti. Prova ohra li tevidenzja l-animu tal-konvenut hija l-fatt li huwa ntavola applikazzjonijiet ghal zvilupp f'ismu relattivi ghal din l-ghalqa li kopja taghhom giet esebita a fol. 29 et seq tal-process. Dawn l-applikazzjoni jidher li jgibu d-data tat-2 ta' Marzu, 1996 u huwa nteressanti l-fatt li ghalkemm l-attur isostni li huwa xtara din ir-raba fis-sena 1979 fl-atti ma tressqet l-ebda prova li huwa ghamel kwalunkwe oggezzjoni ghall-applikazzjoni da parti tal-konvenut. Jirrizulta anzi nkontestat li l-konvenut proceda sabiex inhariglu l-permess u bena dak approvat minghajr ma hadd waqqfu. Dan aktar u aktar jevidenzja lil din il-Qorti li l-animu tal-konvenut tul is-snin dejjem kien li l-art in kwistjoni hija proprjeta' tieghu.

**(iii) Pussess legittimu:**

Illi kif inghad fl-Artikolu 2107 subartikolu (1) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) l-pussess ghandu jkun wiehed kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku. L-Artikolu 2107 sub-artikolu 1 jaqra kif isegwi:

'(1) Il-preskrizzjoni hija mod ta' akkwist ta' jedd b'pussess kontinwu, mhux miksur, paċifiku, pubbliku, u mhux ekwivoku, għal żmien li tgħid il-liġi.'

Dan ir-rekwizit tal-pussess gie estensivament deskritt fis-sentenza fl-ismijiet **Lawrence Zammit Haber -vs- Joan Zammit Haber et** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri nhar il-21 ta' April, 2015 fejn inghad illi:

*'Il-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali tippresupponi pussess legittimu ta' tletin sena. Il-pussess ghandu jkun materjali u ntenzjonali, jigifieri l-intenzjoni tal-pussessur li jgawdi d-dritt fuq il-haga bhal li kieku hu kien proprjetarju. Minbarra dan, il-pussess necessarju ghal din it-tip ta' preskrizzjoni jrid ikun ukoll wiehed legittimu kif jinghad fl-artikolu 2107(1) tal-Kodici Civili li jaqra kif isegwi:*

*'(1) Il-preskrizzjoni hija mod ta' akkwist ta' jedd b'pussess kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku, u mhux ekwivoku, ghal zmien li tghid il-ligi.'*

*Id-difensur tal-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jiccita lil Laurent dwar it-tifsira ta' kull rekwizit kif isegwi:*

*1. <u>pussess kontinwu:</u> "Il possesso dev'essere continuo, nel senso che il possessore deve compiere gli atti normali di godimento che un proprietario, buon padre di famiglia, fa allo scopo di trarre dal fondo tutto l'utile che esso puo' procurargli. ...... Occorre dunque che, per tutto il tempo necessario alla prescrizione, il possessore abbia fatto atti di possesso che richiamano l'attenzione del proprietario e lo costituiscano in mora d'interrompe la prescrizione che corre contro di lui." (Laurent, Diritto Civile, op. cit. # 275);*

2. <u>pussess mhux miksur:</u> *"Il possesso e' interrotto allorche la prescrizione venne interrotta, sia naturalmente, sia civilmente. L'interruzione produce l'effetto di rompere il possesso: quello decorso fino all'interruzione si reputa come non avvenuto e solo potra' invocarsi il possesso futuro." (Laurent, Diritto Civile, op. cit. # 278);*

3. <u>pussess pacifiku:</u> *"La parola pacifico indica un godimento imperturbato. Puo' esservi turbativa di diritto e turbativa di fatto. La turbativa di diritto suppone un'azione giudizziaria ..... la turbativa di fatto ..... si manifesta con atti differenti. Chi si pretende proprietario tenta di espellere il possessore." (Laurent, Diritto Civile, op. cit. # 281);*

4. <u>pussess pubbliku:</u> *"Il possesso e' pubblico tutte le volte che i terzi interessati avrebbero potuto conoscerlo, quantunque in fatto non ne abbiano avuto notizia." (Laurent, Diritto Civile, op. cit. # 286);*

5. <u>pussess mhux ekwivoku:</u> *"Un possesso e' equivoco quando per sua natura e' cosi' dubbio, da non lasciar comprendere se sia la manifestazione di un diritto spettante al possessore, ovvero un semplice fatto." (Laurent, Diritto Civile, op. cit. # 290).'*

*Iz-zewg partijiet in oltre jiccitaw diversa gurisprudenza tal-Qrati Maltin dwar il-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali fosthom:*

***Carmelo Caruana et vs Orsla Vella**, Qorti tal-Appell, 13 ta` Marzu 1953 fil-kawza (Kollez. Vol. XXXV.i.105):*

*'Illi pero' kif intqal ghall-effacija taghha bhala akkwizittiva, din il-preskrizzjoni tippresupponi l-pussess legittimu li trid il-ligi ghaz-*

*zmien kollu tat-trentennju. Hu maghruf illi l-elementi tal-pussess civili huma tnejn, dak materjali, il-poter ta` fatt fuq il-haga, u l-iehor intenzjonali, l-animu tal-possessur li jgawdi d-dritt fuq il-haga bhallikieku hu kien il-propjetarju taghha – animus et corpus; corpus possessionis et animus possidendi vel animus domini. Ghalhekk mhux pussess civili dak li jonqos fih wiehed jew l-iehor minn dawn iz-zewg elementi b'mod li mhijiex bizzejjed id-detenzjoni tal-haga jew it-tgawdija taghha mhux bhala haga proprija imma bhala haga ta' haddiehor ghax allura din tkun biss detenzjoni jew tgawdija prekarja ... Hu elementari li lil min jallega l-preskrizzjoni trentennali ma jistax jigi oppost in-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fede ... Dan il-pussess b'ligi ghandu jkun kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku.'*

*Fis-sentenza* ***Michael Farrugia et vs Joseph Cassar et*** *[Rik. Gur. 63/2004/AE] deciza fit-28 ta` Mejju 2010 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 2014, kienet citata silta minn sentenza tat-Tieni Sezzjoni Civili tal-Corte di Cassazione tal-Italja moghtija fit-18 ta` April 2003 kif isegwi:*

*'il possesso ad usucapionem dei beni immobili deve essere non solo continuato, ininterrotto e pacifico, ma anche pubblico ed esercitato coscientemente, nel senso, cioè, che deve concretarsi in un potere che si manifesti attraverso fatti e comportamenti, in una attività intenzionale del possessore, corrispondente all'esercizio di un diritto dominicale sull'immobile (o di altro diritto reale di godimento sullo stesso).'*

*Fid-decizjoni fl-ismijiet* ***Salvino Testaferrata Moroni Viani et. vs. Francis Montanaro****, Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 27 ta' Gunju 2003:*

*'Huwa pacifiku illi l-proprjeta' ma tintilfix bin-nuqqas ta' uzu da*

*parti tas-sid. Tintilef, invece, jekk haddiehor jiehu pussess taghha u jezercita fuqha jedd ta' poter ghaz-zmien kollu mil-ligi stabbilit u skond il-kundizzjonijiet l-ohra preskritti mill-Artikolu 2107 tal-Kodici Civili. Jispetta ghalhekk lil dan haddiehor l-oneru li jipprova r-rekwiziti kollha tax-xorta ta' akkwist vantat minnu . . . Il-konvenut uzukapjent biex jirnexxi fid-difiza u sostenn tad-dritt eccepit minnu irid jipprova l-akkoppjament tal-pussess mad-dekors taz-zmien. Fuq kollox ghal dak li hu l-fattur zmien irid jaghmel il-prova konvincenti tal-bidu tal-pussess vantat minnu billi ma tistax titiqies sufficjenti s-semplici affermazzjoni generika 'longissimi temporis praescriptio'. Kjarament ukoll dan il-bidu hu allaccjat mal-mument fokali meta l-preskrivent jibda jippossjedi b'mod kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku l-proprjeta' li hu jew l-aventi kawza jew awtur tieghu intenzjonati jippreskrivu. Huma proprju dawn il-kundizzjonijiet li juru l-kwalita' tal-pussess animo domini, kongunta s'sintendi maz-zmien rikjest mil-ligi biex tissahhah il-preskrizzjoni. Jinsab insenjat ukoll illi l-elementi tal-pussess huma tnejn, dak materjali, il-poter ta' fatt fuq il-haga, u dak intenzjonali, l-animu tal-possessur li jgawdi d-dritt fuq il-haga bhallikieku hu kien il-proprjetarju taghha – animus et corpus; corpus possessionis, et animus possidendi vel animus domini.'*[1]

*Ghal dak li jikkwalifika bhala pussess diversi decizjonijiet tal-Qrati Maltin*[2] *ikkonfermaw dak li josserva* ***Laurent*** *(Diritto Civil Vol XXX11, para 297) cioe':*

*'colui che gode per tolleranza non ha nessun titolo, salvo un*

[1] Fuq l-istess linja ara wkoll **Carmelo Caruana vs. Orsa Vella**, Qorti tal-Appell deciza 13 ta' Marzu, 1953; **Joseph Aquilina noe vs. Sunny Homes Limited et**, Prim'Awla deciza 5 ta' Ottubru, 2004; **Katie Caruana Grech vs Victor Briffa Brincat**, Prim'Awla deciza fl-14 ta' Jannar, 2015.

[2] **Elena Fenech vs. Ignazio Aquilina**, Prim'Awla deciza 18 ta' Ottubru, 1984, **Marlene Manfre vs. Connie Spiteri Maempel**, Appell Civili deciza 24 ta' April, 1989.

*consenso del proprietario che questi puo ritirare da un istante all'altro.'*

*Dan il-bran gie kkwotat miz-zewg partijiet fin-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Avukat Dottor Louis Vella et vs. Joseph Gatt*** *(Prim'Awla, deciza nhar it-12 ta' April 2002 inghad kif isegwi:*

*'Biex wiehed ikollu pussess "pubbliku" irid jaghmel att ta' dominju fuq il-fond (ez, ihawwel sigar, igib hamrija, jtella' bini, ecc) ghax, altrimenti, il-pussess ma jkunx "pubbliku" .... Il-Ligi trid dan l-element biex min ikun interessat ikollu l- opportunita' jara x'inhu jigri fuq l-art ... Il-ligi trid li l-pussess ikun pubbliku biex it-terz interessat ikollu l-opportunita' jikkontrolla x'inhu jigri fuq l-art tieghu, it-terz interessat jitlef l-interess tieghu fuq art jekk jara jew seta' jinduna x'inhu jigri fuq l-art u ma jaghmel xejn. Kif jghid ir-Ricci ("Diritto Civile" – Vol. V – para 56), il-pussess hu pubbliku "quando il possessore, nell'esercitarne gli atti relativi, si diporta in modi che che ha l'interesse ad acquistare conoscenza de medesimi puo' facilmente procurarsi.'*[3]

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Antonio Pace et vs Rev. Henry Abela O.P.****, Prim'Awla, deciza fil-5 ta' Lulju 2004, debitament ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tat-30 ta' Settembru 2011 jinghad kif isegwi:*

*'Fil-kaz tal-preskrizzjoni akkwisittiva trentennali m'hemmx bzonn il-'giusto titolo' u lanqas il-'buona fede' minhabba l-elementi tat-trapass taz-zmien u dak tal-pussess. Biex il-pussess trentennali*

---

[3] Ara wkoll **Helma Muscat Doublesin vs. Kummissarju tal-Art**, Prim'Awla deciza 26 ta' Novembru, 2010.

*jaghti lok ghall-uzukapjoni, hemm bzonn li ma jkunx ekwivoku, u li jkun animo domini ... l-bona fede mhix eskluza bil-fatt illi l-preskrivent kien jaf li l-haga kienet ta' haddiehor ghax hu bizzejjed li l-preskrivent ikollu l-intenzjoni li jsir il-proprjetarju tal-haga. Imma l-pussess ta' tletin sena jrid ikun legittimu, jigifieri kontinwu u mhux interrott, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku. Ir-rinunzja ghall-uzukapjoni bhala 'causa acquisitionis' tista' tkun tacita, cioe' deducibbli mill-fatt li jimplika l-abbandun tal-jedd akkwistat, u d-dikjarazzjoni tal-preskrivent fis-sens li l-haga mhix tieghu, timplika rinunzja tacita ghad-dritt akkwistat minnu bl-uzukapjoni (Vol. XXXV.i.105), u dan kif ikkonfermata fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta fil-kawza fl-ismijiet: It-Tabib Dr. Carmel Apap Bologna Sciberras d'Amico Inguanez vs Emanuel Sammut, deciza fit-28 ta' Marzu, 2003.'*

*Fil-fatt fid-decizjoni fl-ismijiet* ***Dr. Carmel Apap Bologna Sciberras d`Amico Inguanez vs Emanuel Sammut****, Prim'Awla, deciza 28 ta` Marzu, 2003 jinghad kif isegwi:*

*'Mhux bizzejjed ikollok id-detenzjoni tal-haga jew it-tgawdija taghha mhux bhala haga proprja imma bhala haga ta' haddiehor ghaliex allura din tkun biss detenzjoni jew tgawdija prekarja.'*

Illi f'dan ir-rigward jirrizulta s-segwenti:

i. Jirrizulta pruvat fl-atti li l-konvenut Anthony Vassallo dejjem agixxa billi ghamel uzu mill-ghalqa bhal li kieku huwa l-proprjetarju taghha. Huwa ppruvat li huwa kien jahdem l-ghalqa billi jhawwel ful, patata, qarabaghli, basal u hxejjex ohra. Dan il-haxix il-konvenut kien ibieghu f'parti mid-drive-in tad-dar tieghu fejn minghandu kienu jixtru bosta qraba u girien. Dan gie kkonfermat fost ohrajn minn Spiridiona Farrugia – girien tal-

konvenut Anthony Vassallo li tat id-deposizzjoni taghha fis-seduta tat-2 ta' Gunju, 2015 a fol. 65 *et seq* tal-process fejn qalet is-segwenti:

'***Dr. Anthony Cutajar :-***
Min kien ikun fiha l-ghalqa?

***Xhud – Speridiona Farrugia :-***
Toni. Dejjem lil Toni naf hemm hekk.

***Dr. Anthony Cutajar :-***
U x'kien ikun jaghmel Toni fiha l-ghalqa?

***Xhud – Speridiona Farrugia :-***
Jizra, u jiehu hsiebha. Anke jekk tmur tarha llum; ma ilnix li dhalt fiha.

…

***Dr. Anthony Cutajar :-***
Lil Toni. Gie li xtrajt xi affarijiet minn ghand Toni?

***Xhud – Speridiona Farrugia :-***
Iva xtrajt.

***Dr. Anthony Cutajar :-***
X'kont tixtri?

***Xhud Speridiona Farrugia :-***
Haxix; per ezempju patata, basal, ful meta jkun fi zmien il-ful..'

L-istess Maria Elena Cangura – girien tal-konvenut, li xehdet viva-voce fis-seduta tat-12 ta' Novembru, 2018 (ara deposizzjoni a fol. 148 *et seq* tal-process) fejn ikkonfermat li dejjem lill-konvenut Anthony Vassallo rat fl-ghalqa:

'Dr A Cutajar: L-ghalqa li mmarkata bl-istrixxi homor ta' qies 459 metru kwadru. Dwar din l-ghalqa x'taf tghidilna inti?

Xhud: Dejjem narah jahdem fiha lil Toni.

Dr A Cutajar: U kemm ilu zmien dan li tafu jahdem fiha?

Xhud: Biss Biss jien ilni noqghod hawnhekk xi 48 sena. Dejjem nafu jahdem fiha.

Ass. Gud: Imma int kont tarah personalment?

Xhud: Mela! Kont narah jien.

Dr A Cutajar: Minn fejn kont tarah?

Xhud: Minn fuq il-bejt.
…

Dr A Cutajar: Apparti jahdem l-ghalqa gieli rajtu jaghmel xi affarijiet ohra fiha l-ghalqa?

Xhud: Jahdem u imbaghad konna nmorru nixtru l-affarijiet.'

ii. Mill-atti minn imkien ma jirrizulta li l-konvenut Anthony Vassallo gie notifikat b'att gudizzjarju a tenur tal-Artikolu 2128

tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Di piu' l-membri kollha tal-familja tal-konvenut ilkoll ikkonfermaw li saru jafu bil-kwistjoni dakinhar li rcivew il-karta tal-Qorti. Mill-atti l-uniku dokument tal-Qorti li jirrizulta li gie notifikat lill-konvenut Anthony Vassallo huwa l-kawza b'dan li n-notifika taghhom effettivament saret fil-15 ta' April, 2014.

Illi din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-Artikolu 2127 u l-Artikolu 2128 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jitrattaw l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Dawn l-Artikoli jistipulaw li l-preskrizzjoni tinkiser jew billi l-pussessur jigi mnehhi ghal izjed minn sena mit-tgawdija tal-haga jew inkella b'att gudizzjarju. Dawn l-artikoli jaqraw kif isegwi:

> '2127. Il-preskrizzjoni tinkiser meta l-pussessur jiġi mneħħi, għal iżjed minn sena, mit-tgawdija tal-ħaġa, sew jekk mis-sid sew jekk minn ħaddieħor.
>
> 2128. Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b'kull att ġudizzjarju ppreżentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra tagħha wieħed irid li ma jħallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher biċ-ċar illi s-sid jew il-kreditur bi ħsiebhom iżommu l-jedd tagħhom.'

Illi f'dan ir-rigward huwa l-attur Carmelo Vassallo li kellu jressaq prova li l-pussess gie nterrot jew billi l-konvenut gie mnehhi mill-ghalqa ghal perijodu ta' izjed minn sena jew altrimenti b'uzu ta' att gudizzjarju. Fl-atti ma tressqet l-ebda prova dwar dan ghalhekk ma jirrizultax li kien hemm l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni trentennali.

iii. L-attur fid-deposizzjoni tieghu moghtija bil-procedura tal-affidavit stqarr illi '*…Kien biss f'din l-ahhar sena li hija l-attur beda jghid li din l-ghalqa kienet tieghu u ridni nohrog minnha.*'

In oltre Doris Vassallo – mart il-konvenut, Marisa Azzopardi – bint il-konvenut; Jesmond Vassallo – iben il-konvenut; Clayton Vassallo – iben il-konvenut u Renald Azzopardi – r-ragel tat-tifla tal-konvenut lkoll xehdu li l-ewwel darba li semghu bil-kwistjoni tal-ghalqa ma' l-attur kienet meta l-konvenut rcieva l-kawza odjerna. Jinghad li l-ebda wahda minn dawn ix-xiehda ma giet kontraddetta mill-attur. Ghaldaqstant fil-fehma tal-Qorti jirrizulta minn dak suespost li l-pussess tal-konvenut kien wiehed pacifiku.

iv. Il-pussess tal-ghalqa mill-konvenut inekwivokabilment kien wiehed pubbliku stante li l-attur ghandu razzett li jmiss mal-proprjeta' in kwistjoni. L-attur innifsu gieli kien imur fl-ghalqa mertu tal-kawza odjerna u dan gie kkonfermat mid-diversi xhieda li gew mressqa mill-konvenut, liema xhieda ma gewx kontraddetti mill-attur. Hekk xehed Clayton Vassallo fis-seduta tat-13 ta' Frar, 2017 illi:

> '***Dr Anthony Cutajar :***
> Rigward iz-ziju Carmenu Vassallo l-attur f'din il-kawza, dan gie li rajtu l'hemmhekk inti?
>
> ***Xhud :***
> Lil Carmelo Vassallo; ehe gie li kien jkun hemm, ghax iz-zijiet. U kienu jghinu lil missieri anzi, iz-zijiet tieghi stess.'

Nonostante li l-attur kien ben konsapevoli li l-intimat kien fil-pussess tal-ghalqa in kwistjoni u dan ghal ghexieren ta' snin ma' tressqet l-ebda prova, qas wahda li hi wahda, li l-attur qatt qajjem

xi kwistjoni dwar din l-ghalqa anzi bil-kontra. Il-Qorti tqis ghalhekk li anki l-element pubbliku huwa sodisfatt.

**<u>Ir-rekwizit tad-dekors taz-zmien:</u>**

Fir-rigward it-trapass tat-tletin (30) sena, l-attur fid-deposizzjoni tieghu bil-procedura tal-affidavit a fol. 28 tal-process sostna li:

*'…Ghal dawn l-ahhar hamsin sena, minn mindu kelli 16 il-sena, l-ghalqa in kwistjoni dejjem kienet fil-pussess tieghi u ghal dawn is-snin kollha kont jien wahda li hadt hsien l-istess ghalqa u ghamilt l-ispejjez fiha ghax dejjem qiest li din l-ghalqa hija tieghi.'*

A skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti taghmel referenza ghas-sintezi tad-deposizzjonijiet tal-bosta xhieda li giet riportata aktar il' fuq f'din id-decizjoni. Jirrizulta lill-Qorti li x-xhieda kollha mressqa mill-konvenut ikkonfermaw bil-gurament taghhom li l-konvenut Anthony Vassallo ilu fil-pussess tal-ghalqa l' fuq minn tletin (30) sena, uhud minnhom ikkonfermaw perjodu ferm itwal. Fost dawn ix-xhieda kien hemm anke girien li kkonfermaw li lill-konvenut ilhom jarawh fl-ghalqa mertu tal-kawza odjerna l' fuq minn erbghin (40) sena. Ix-xhud Maria Elena Cangura fid-deposizzjoni taghha moghtija viva-voce fis-seduta tat-12 ta' Novembru, 2018 xehdet illi:

'Dr A Cutajar: Fil-fehma tieghek l-ghalqa ta' min kienet?

Xhud: Ma nafx. Jien kont nahseb li ta' Toni. Mhux Toni kien ikun hemm jahdem fiha!

Dr A Cutajar: U dan qed nghidu ghal kemm snin?

Xhud: Ilu hafna. Nahseb ilhom 48 sena. 48 sena ilni noqghod hawn u dejjem narah fl-ghalqa.'

Fuq l-istess binarju xehed Anthony Barbara (ara xhieda a fol. 68 *et seq* tal-process) fejn qal illi:

'***Dr. Anthony Cutajar :-***
Issa f'dawn l-40 sena inti qatt rajt lil xi hadd jahdimha din l-ghalqa?

***Xhud – Anthony Barbara :-***
Lil Toni kont nara. Lil dak nara jien.

***Dr. Anthony Cutajar :-***
Lil Toni konta tara jahdem hemm hekk

***Xhud – Anthony Barbara :-***
Iva.

***Dr. Anthony Cutajar :-***
U kemm ilek li bdejt tarah jahdimha din l-ghalqa? Bejn wiehed u iehor ta. .;

***Xhud – Anthony Barbara :-***
Kemm ilu?

***Dr. Anthony Cutajar :-***
Kemm zmien ilu dan?

***Xhud – Anthony Barbara :-***

Hafna hu jigifieri issa! Jiena fil-bidu kemm kont ilni hemm minn dejjem niftakru hemm.

***Dr. Anthony Cutajar :-***
Dejjem. U qed tghidilna ilek hemm 40 sena.

***Xhud – Anthony Barbara :-***
Da zgur, ha naghlaqhom; ghax mort bit-tfal zghar hemm.'

Il-konvenut Anthony Vassallo ressaq ukoll bhala xhud lil certa Speridiona Farrugia (ara deposizzjoni a fol. 65 *et seq* tal-process) fejn qalet illi:

'***Dr. Anthony Cutajar :-***
Jigifieri inti qed tghid li matul dawn l-40 sena li qed issemmi lil min taf hemm hekk matul dawn l-40 sena li qed issemmi?

***Xhud – Speridiona Farruga :-***
Lil Toni.'

Din il-Qorti m'ghandiex ghalfejn minimament tiddubita mid-deposizzjoni ta' dawn ix-xhieda, u ohrajn, aktar u aktar fid-dawl li d-deposizzjoni taghhom bl-ebda mod ma giet kontraddetta jew imxejna fl-atti.

Il-Qorti ghalhekk tqis li gie sufficjentement pruvat fl-atti sal-grad rikjest mil-ligi li l-ghalqa mertu tal-kawza odjerna kienet fil-pussess materjali, kontinwu, pacifiku, pubbliku, mhux ekwivoku u mhux miksur tal-konvenut ghal perjodu ta' ben oltre tletin (30) sena u ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqajjma mill-konvenut (li fuq kollox hija l-uniku eccezzjoni mqajjma mill-konvenut) jisthoqq li tigi milqugha. In vista ta' dan jirrizulta wkoll

li l-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tinoltra ruhha oltre fil-mertu tal-kaz odjern.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali mqajjma mill-konvenut Anthony Vassallo tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha attrici.

Bl-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-attur.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**22 ta' Ottubru, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**22 ta' Ottubru, 2020**